

32004D0618

28.8.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 279/23

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Awwissu 2004

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Pakistan skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994

(2004/618/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati taħt l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 bil-ħsieb li jiġu mmodifikati ċerti konċessjonijiet għar-ross. Għaldaqstant, il-Kommunità nnotifikat lid-WTO fit-2 ta' Lulju 2003 bl-intenzjoni tagħha li timmodifika ċerti konċessjonijiet fl-Iskeda CXL tal-KE.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas tad-direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni nnegozjat ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li għandha interessa prinċipali fil-forniment tal-prodotti tal-kodiċi HS 1006 20 (ross bla ħliefa) u interessa sostanzjali fil-forniment tal-prodotti tal-kodiċi HS 1006 30 (ross mitħun), it-Tajlandja, li għandha interessa prinċipali fil-forniment tal-prodotti tal-kodiċi HS 1006 30 (ross mitħun) u interessa sostanzjali fil-forniment tal-prodotti tal-kodiċi HS 1006 20 (ross bla ħliefa) u l-Indja u l-Pakistan, li t-tnejn għandhom interessa sostanzjali fil-forniment tal-prodotti tal-kodiċi HS 1006 20 (ross bla ħliefa).

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Ftehim ikun jista' jiġi applikat bis-sħiħ sa l-1 ta' Settembru 2004 u sakemm jiġi emendat

ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross (¹), il-Kummissjoni għandha tige awtorizzata tadotta derogi temporanji minn dak ir-Regolament.

(5) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (²).

(6) Il-Kummissjoni nnegozjat b'suċċess Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Pakistan. Għalhekk, il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Pakistan skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fir-rigward tar-ross previsti fl-Iskeda CXL tal-KE annessa mal-GATT 1994 huwa b'dan approvata fissem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Sa fejn ikun meħtieġ biex tippermetti l-applikazzjoni sħiħa ta' dan il-Ftehim sa l-1 ta' Settembru 2004, il-Kummissjoni tista' tidde-roga mir-Regolament (KE) Nru 1785/2003, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 3(2) ta' din id-Deċiżjoni, sakemm dak ir-Regolament jiġi emendat iżda mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2005.

(¹) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96.

(²) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meħġjuna mill-Kumitat ta' Tmexxija għaċ-Ċereali stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali (¹).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom jaappli kaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu previst fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħi.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna(i) bis-setgħa li t(j)iffirma(w) il-Ftehim sabiex tinrabat il-Komunità (²).

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Awwissu 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. BOT

(¹) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78.

(²) Id-data tad-dħul fis-seħħi tal-ftehim se tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.